IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.8.2012
COM(2012) 474 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Implimentazzjoni tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Implimentazzjoni tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. DAĦLA

Id-Direttiva 2004/52/KE għandha l-għan li tikseb l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fl-Unjoni Ewropea[1]. Din tipprevedi l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), li tikkumplimenta s-servizzi nazzjonali ta' pedaġġ elettroniku tal-Istati Membri.

Żewġ partijiet interessati ewlenin huma kkonċernati:

- Il-kolletturi tal-pedaġġi, li joperaw jew f'isem l-Istat Membru jew fi ħdan il-qafas ta' kuntratt ta' konċessjoni mal-Istat Membru, li jimmaniġġjaw l-infrastruttura u jiġbru l-pedaġġi għaċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi fuq in-netwerk immaniġġjat minnhom.

- Il-fornituri ta' Sistema Ewropea ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), li jipprovdu lis-sewwieqa jew lit-trasportaturi stradali bit-tagħmir u s-servizzi meħtieġa biex ikollhom aċċess għall-infrastrutturi soġġetti għal pedaġġ fl-UE u li jiżguraw il-ħlas lill-kolletturi tal-pedaġġi ta' imposti dovuti għall-użu tan-netwerk tagħhom.

L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva jipprevedi li l-Istati Membri li jkollhom sistemi ta' pedaġġ stradali elettroniku jiżguraw li l-operaturi joffru s-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku lill-vetturi għall-ġarr ta' merkanzija tqila mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li tiddefinixxi l-EETS u lill-kategoriji l-oħra kollha ta' vetturi mhux aktar tard minn ħames snin wara.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE li tiddefinixxi s-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Ottubru 2009[2] malli ġiet innotifikata lill-Istati Membri. Din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali ta' dan is-servizz validu fl-UE kollha u tistabbilixxi l-istandards obbligatorji, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-regoli operazzjonali. L-obbligi essenzjali jinkludu dan li ġej:

(1) L-Istati Membri jridu jżommu reġistri elettroniċi nazzjonali tan-netwerks soġġetti għal pedaġġ, tal-kolletturi tal-pedaġġi u tal-fornituri tas-servizzi ta' pedaġġ li qiesu bħala eliġibbli għar-reġistrazzjoni, u jagħmluhom elettronikament aċċessibbli għall-pubbliku. Għandhom jistabbilixxu wkoll Korp ta' Konċiljazzjoni inkarigat li jiffaċilita n-negozjati kuntrattwali bejn il-kolletturi tal-pedaġġi u l-fornituri tal-EETS.

(2) Il-kolletturi tal-pedaġġi għandhom jistabbilixxu s-sistemi tagħhom ta' pedaġġi stradali elettroniċi f'konformità mal-istandards tekniċi msemmija fil-leġiżlazzjoni u

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124.
[2] ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11.

l-kundizzjonijiet kontraenti tagħhom jagħmluhom pubbliċi; għandhom jaċċettaw kwalunkwe fornitur tal-EETS irreġistrat fuq bażi nondiskriminatorja.

(3) Il-fornituri tal-EETS iridu jkunu rreġistrati fi Stat Membru fejn huma stabbiliti. Għandhom jilħqu kopertura Ewropea sħiħa tal-infrastrutturi tat-toroq kollha soġġetti għal pedaġġ elettroniku fi żmien 24 xahar mir-reġistrazzjoni tagħhom. Il-fornituri tal-EETS huma f'kompetizzjoni ma' xulxin: kull utent tat-toroq huwa liberu li jagħmel kuntratt mal-fornitur tal-għażla tiegħu/tagħha.

L-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni 2009/750/KE jesiġi li l-Kummissjoni tfassal rapport dwar l-istat ta' avvanz tal-implimentazzjoni tal-EETS. Din il-komunikazzjoni, wara li tpoġġi l-EETS fil-kuntest usa' tal-politika Ewropea tat-trasport, tippreżenta l-progress milħuq fl-implimentazzjoni tagħha u tagħti l-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-passi li jmiss jittieħdu biex l-EETS issir operazzjonali.

2. KUNTEST TAL-POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT

Għat-tkabbir ekonomiku u l-prosperità huwa meħtieġ suq intern effiċjenti, li jippermetti l-mobbiltà mingħajr xkiel, veloċi u sikura tal-oġġetti u l-persuni madwar l-Unjoni. Dan jesiġi infrastrutturi li jkunu żviluppati tajjeb u li ssirilhom manutenzjoni tajba kif ukoll infrastrutturi li jkunu mmaniġġjati b'mod effiċjenti.

Sabiex jiġu ffaċilitati l-finanzjament u l-immaniġġjar tal-infrastrutturi tat-toroq, il-Politika Ewropea tat-Trasport kostantement ippromwoviet il-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas". Il-pedaġġi, jiġifieri l-iċċarġjar għall-użu stradali abbażi tad-distanza perkorsa, it-tip ta' vetturi (eż. skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u l-impatt fuq ix-xedd u l-kedd) u/jew anke l-ħin (eż. il-mument fil-ġurnata) jikkostitwixxu mod ġust u effiċjenti biex jiġu implimentati dawn il-prinċipji. Dawn joffru mod ibbilanċjat ta' ħlas għall-mobbiltà u jittrażmettu s-sinjali tajbin ta' prezzijiet lill-utenti tat-toroq. Fi kliem ieħor jistgħu jżidu d-dħul meħtieġ biex l-infrastruttura ssirilha manutenzjoni u tiġi żviluppata, jimmaniġġjaw id-domanda tat-trasport (eż. inaqqsu l-ħinijiet l-aktar traffikużi jew l-ammont ta' traffiku jew jinfluwenzaw l-għażliet tat-trasport) jew jinkoraġġixxu li wieħed jirrikorri għal vetturi li jniġġsu anqas.

Il-pedaġġi qed jintużaw dejjem iżjed. Tnejn u għoxrin Stat Membru jimponu ħlasijiet għall-użu stradali fuq vetturi għall-ġarr ta' merkanzija tqila f'ċerti partijiet tan-netwerk tagħhom u tnax-il Stat Membru fuq vetturi privati ħfief. It-toroq fl-UE soġġetti għal ħlas jirrappreżentaw tul totali ta' madwar 72 000 kilometru li minnhom 60 % huma mgħammra b'sistemi ta' pedaġġ elettroniku u 40 % huma koperti b'sistemi ta' vinjetti. Bħalissa aktar minn 20 miljun utent tat-toroq, sewwieqa jew trasportaturi stradali, huma abbonati ma' sistemi ta' pedaġġ stradali elettroniku.

L-iżgurar tal-interoperabbiltà sħiħa Ewropea tat-teknoloġiji ta' pedaġġ stradali elettroniku se joħloq ekonomiji ta' skala u se jnaqqas il-kostijiet tat-tagħmir tal-ġbir tal-pedaġġi. Is-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku se jħaffef il-pagament ta' ħlasijiet għall-użu stradali minn utenti transfruntieri, inklużi l-utenti okkażjonali[3]. L-utenti jkunu aktar lesti jaċċettaw li jħallsu għall-użu stradali jekk il-mezzi ta' ħlas ikunu interoperabbli fil-livell Ewropew.

[3] L-iskemi attwali ta' iċċarġjar għall-użu stradali jridu jimplimentaw soluzzjonijiet kumplikati u li jiswew ħafna biex jittrattaw utenti okkażjonali, li ta' spiss ma jiġux trattati b'mod li jkun fuq l-istess livell ta' dak li jiġu ttrattati bih l-utenti regolari.

Fl-2011, il-Kummissjoni fil-White Paper tagħha "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" iddeskriviet miżuri possibbli biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp u l-armonizzazzjoni tal-iċċarġjar għall-użu stradali. Hija enfasizzat li s-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku jista' jkun strumentali fil-promozzjoni ta' strateġiji ta' ċċarġjar stradali li jikkontribwixxu għal sistema tat-trasport sostenibbli u jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni mill-utenti tal-iċċarġjar stradali.

Bl-istess mod fl-okkażjoni tal-emenda reċenti tad-Direttiva "Eurovignette" dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila[4], il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu lill-Kummissjoni biex "timmonitorja l-progress miksub [fil-qafas tad-Direttiva] biex jiġi implimentat sad-dati miftiehma Servizz Elettroniku Ewropew tat-Taxxi tat-Toroq ġenwin" u "tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità tas-sistemi ta' kollezzjoni elettronika tat-tariffi f'livell Ewropew."

B'mod partikolari, "fejn Stat Membru jiġbor il-ħlasijiet għall-użu stradali jew il-ħlasijiet fuq l-utent esklussivament permezz ta' sistema li teħtieġ l-użu ta' unità abbord il-vettura, dan għandu jiżgura li l-utenti kollha jkunu jistgħu jiksbu unitajiet adatti li jintużaw abbord u li jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/52/KE [...] skont arranġamenti amministrattivi u ekonomiċi raġonevoli"[5].

3. IL-PROGRESS MIKSUB

Il-progress miksub fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-EETS huwa diżappuntanti. Minkejja l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2009/750/KE li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti tekniċi meħtieġa kif ukoll ir-regoli kuntrattwali relatati mal-provvediment tal-EETS, l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea[6] u l-maturità tat-teknoloġiji ta' pedaġġ, is-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku għadu mhuwiex realtà fil-ħajja ta' kuljum tal-utenti tat-toroq. L-Istati Membri u l-partijiet interessati mhux kollha wrew l-impenn sħiħ meħtieġ biex jiġi ffinalizzat il-kuntest regolatorju u operazzjonali tas-servizz fil-livell tagħhom. Sal-2009, il-maġġoranza tal-Istati Membri li introduċew sistemi nazzjonali jew lokali ta' pedaġġ elettroniku għamlu dan mingħajr l-attenzjoni dovuta għad-dimensjoni Ewropea futura ta' dan is-servizz bl-għan li jirrispettaw l-iskeda stabbilita fid-Direttiva. Dan in-nuqqas li l-EETS tiġi implimentata u ssir fi żmien l-iskeda prevista mhuwiex dovut għal raġunijiet tekniċi. L-implimentazzjoni ta' interoperabbiltà pan-Ewropea tas-sistemi ta' pedaġġ stradali mhijiex iktar kumplikata teknikament mill-implimentazzjoni ta' roaming pan-Ewropew tat-telefowns mobbli jew tal-interoperabbiltà dinjija tal-karti ta' kreditu.

Uħud mill-partijiet interessati ressqu għadd ta' spjegazzjonijiet possibbli għad-dewmien imsemmi hawn fuq iżda l-biċċa l-kbira ma għadhomx iġġustifikati jew huma relatati ma' problemi li għalihom jeżistu soluzzjonijiet.

– Ġie ssuġġerit li waħda mill-problemi tkun li l-leġiżlazzjoni Ewropea tiddefinixxi biss qafas għall-EETS. Dan l-argument mhuwiex totalment validu peress li l-leġiżlazzjoni tistabbilixxi sett ċar tar-regoli u l-obbligi meħtieġa. F'konformità mal-politika tagħha li żżomm is-swieq tas-servizzi miftuħa għall-kompetizzjoni fejn possibbli, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tħalli l-prestazzjoni tas-servizz dipendenti fuq id-deċiżjonijiet tas-suq, essenzjalment l-emerġenza tal-Fornituri tal-EETS.

---

4 Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42-50.

5 Il-Premessa 31 u l-Artikolu 7j imdaħħla bid-Direttiva 2011/76/UE.

6 Pereżempju studji estensivi minn Gruppi ta' Esperti u l-proġetti CESARE.

– Ġie ssuġġerit ukoll li l-EETS mhuwiex interessanti mil-lat kummerċjali. Madankollu, ikun prematur li wieħed jilħaq ċerti konklużjonijiet u mhemmx dubju li d-domanda teżisti:

- Attwalment 25 % tat-trasport stradali tal-merkanzija huwa transfruntier, u ċ-ċifra mistennija titla' għal 30 % sal-2030. L-interess tal-EETS għall-forniturі tas-servizz għalhekk se jsir dejjem iktar qawwi. Barra minn hekk, assoċjazzjonijiet professjonali tat-trasportaturi, fil-livelli nazzjonali u Ewropej, ripetutament esprimew id-domanda qawwija tagħhom għal sistema pan-Ewropea ta' pedaġġ elettroniku interoperabbli, u dan b'mod ċar huwa talba għal EETS.

- Madwar għaxar organizzazzjonijiet esprimew b'mod ċar l-intenzjoni tagħhom li jirreġistraw bħala forniturі tal-EETS u reċentement stabbilixxew assoċjazzjoni professjonali Ewropea[7] (AETIS). Għalkemm s'issa, l-ebda fornitur EETS ma ġie rreġistrat uffiċjalment, skont l-informazzjoni li waslet, tal-anqas Fornitur wieħed prospettiv tal-EETS ikkuntattja l-awtoritajiet nazzjonali tiegħu biex jirreġistra iżda t-talba tiegħu ġiet irrifjutata minħabba li l-qafas legali u amministrattiv ma kienx lest.

- L-iżvilupp jew l-estensjoni li jinsabu għaddejjin bħalissa tal-iskemi ta' ċċarġjar stradali fl-UE se joħolqu opportunitajiet tas-suq ġodda għall-forniturі tal-EETS. Erba' Stati Membri[8] ppjanaw li fit-tliet snin li ġejjin jimplimentaw skema ta' pedaġġi fil-livell nazzjonali u l-estensjoni tal-arranġamenti eżistenti ta' pedaġġi diġà nbdiet f'diversi Stati Membri. F'dan ir-rigward, il-White Paper dwar Żona Unika Ewropea tat-Trasport tistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet li se jippromwovu aktar l-implimentazzjoni tal-iċċarġjar għall-użu stradali[9].

– L-introduzzjoni tal-EETS tkun imfixkla wkoll miċ-ċikli tal-ħajja twal tas-sistemi nazzjonali eżistenti li l-adattament tagħhom għall-EETS qabel ma jitwaqqaf l-użu tagħhom huwa kost addizzjonali. Madankollu dan l-argument jidher li ma għadux aktar validu. Il-biċċa l-kbira tas-sistemi implimemtati ilhom minn nofs is-snin disgħin u qed joqorbu tmiem l-użu tagħhom mil-lat teknoloġiku. Barra minn hekk, il-leġiżlatur meta adotta d-Direttiva 2004/52/KE kien ċarament tal-opinjoni li l-investimenti meħtieġa għall-migrazzjoni lejn sistemi kompletament interoperabbli kellhom isiru, minkejja li tħalliet ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-qsim tal-piż bejn il-partijiet interessati tan-nefqiet neċessarji biex jiffinanzjaw l-investimenti meħtieġa. Pereżempu kostijiet jew parti mill-kostijiet tal-investimenti jistgħu jiġu ffinanzjati bl-introduzzjoni ta' rati ġodda ta' pedaġġi. Fi kliem ieħor l-utenti tat-toroq kollha soġġetti għal pedaġġ, u mhux biss l-utenti tal-EETS, jistgħu jipparteċipaw

[7] AETIS: Assoċjazzjoni tas-Servizzi ta' Pedaġġ Elettroniku Interoperabbli stabbilita fit-22 ta' Diċembru 2011.

[8] FR, BE, HU u DK.

[9] L-għan nru 10: Nersqu lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas" …biex jiġi ġġenerat dħul u jiġi żgurat il-finanzjament għal investimenti futuri fit-trasport.

Paġna 15: L-esternalitajiet (storbju, tniġġis…) jistgħu jiġu internalizzati permezz ta' imposti fuq l-użu tal-infrastruttura: 1 Il-proposta biex tiġi emendata l-Eurovignette, 2 Azzjoni ulterjuri ser teżamina l-introduzzjoni gradwali ta' sistema armonizzata mandatorja ta' internalizzazzjoni għall-vetturi kummerċjali fuq in-netwerk interurban sħiħ…

Azzjoni #32: Qafas tal-UE għat-tariffazzjoni tal-utent tat-toroq urbani.

Azzjoni #39: Ipprezzar intelliġenti u tassazzjoni / L-evalwazzjoni tal-iskemi eżistenti ta' tariffazzjoni tal-karozzi fit-toroq.../ Il-proċediment bl-internalizzazzjoni tal-kost estern...

finanzjarjament f'dawn l-investimenti peress li l-kostijiet relatati mal-EETS jistgħu jikkwalifikaw bħala kostijiet permissibbli tal-infrastruttura li jistgħu jiġu ċċarġjati skont id-Direttiva 1999/62/KE (Id-Direttiva "Eurovignette").

Minkejja d-dewmien, **xorta waħda twettqu għadd ta' żviluppi:**

– L-Istati Membri stabbilixxew ir-reġistru elettroniku nazzjonali tagħhom li jelenka l-infrastrutturi tat-toroq soġġetti għal pedaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/52/KE fi ħdan it-territorju tagħhom. Il-kolletturi tal-pedaġġi ppubblikaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom tas-settur tal-EETS li stabbilixxew il-kundizzjonijiet ġenerali għall-prestazzjoni tal-EETS fl-infrastrutturi tagħhom u jikkostitwixxu l-bażi għar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kolletturi tal-pedaġġi u l-fornituri tal-EETS.

– Għadd ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġbir ta' imposti stradali elettroniċi stabbilixxew grupp informali, l-hekk imsejjaħ il-Grupp ta' Stokkolma[10], u fi ħdan dan il-grupp jikkooperaw b'mod attiv bl-għan li jimplimentaw is-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku u l-iskambju tal-aqwa prattiki. Dan il-grupp jikkoopera wkoll mal-AETIS[7].

– L-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandards kisbu b'mod deċiżiv progress fl-oqsma tal-Ġbir tal-Imposti Elettroniċi u l-istandardizzazzjoni tal-EETS, anke għal sistemi ta' pedaġġi bis-satellita. Ġew adottati proċeduri ta' ttestjar għal tagħmir mobbli u fiss[11] kif ukoll standard importanti[12] marbut mal-iskambju tal-informazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi u l-kolletturi tal-pedaġġi f'sistemi ta' pedaġġi bis-satellita, inkluż l-infurzar.

– Fl-2010, il-Kummissjoni ppubblikat gwida bl-isem ta' "Guide for the application of Directive 2004/52/EC of the European Parliament and of the Council and of Commission Decision 2009/750/EC"[13] bħala manwal ta' referenza għal partijiet interessati professjonali kkonċernati direttament jew indirettament bl-implimentazzjoni tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku.

– Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha involuti, attwalment qed tħejji Nota ta' Gwida dwar l-interpretazzjoni tal-kunċetti msemmija fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/750/KE. Din in-nota, li se tiġi ppubblikata dalwaqt, tipprovdi gwida dwar kif il-korpi ta' konċiljazzjoni għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-aċċess għan-netwerk tal-kolletturi tal-pedaġġi jibqgħu ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji. Tiċċara wkoll il-mudelli possibbli għall-kondiviżjoni tal-ħlasijiet u r-rimunerazzjonijiet bejn il-partijiet interessati professjonali. Fl-aħħar nett tindirizza kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-EETS, bħall-kostijiet għall-valutazzjoni tal-interoperabbiltà u t-twettiq ta' testijiet li jiddeterminaw l-"adegwatezza għall-użu".

– Ġie stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni tal-korpi intitolat jiċċertifika l-"konformità mal-ispeċifikazzjonijiet" jew l-"adegwatezza għall-użu" skont l-Artikolu 18 tad-

[10] Il-membri tal-Grupp ta' Stokkolma huma ministeri jew awtoritajiet nazzjonali mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvezja, ir-Renju Unit, l-Ungerija kif ukoll l-Isvizzera u n-Norveġja.

[11] L-istandards CEN EN 15509, EN 15876, CEN/ISO EN 14906, TS 14907 u TS 25110.

[12] L-istandard CEN/ISO EN 12855.

[13] http://ec.europa.eu/transport/publications/doc/2011-eets-european-electronic-toll-service_en.pdf

Deċiżjoni 2009/750/KE. Dan il-Grupp se jiżviluppa dokumenti ta' gwida li għandhom jitressqu għall-approvazzjoni quddiem il-Kumitat tal-Pedaġġi li se jistabbilixxi sett ta' proċeduri komuni għat-twettiq tat-testijiet li jiddeterminaw l-"adegwatezza għall-użu". Erbatax-il korp ta' ċertifikazzjoni minn sitt Stati Membri huma interessati li jiġu nnotifikati formalment lill-Kummissjoni.

– Il-partijiet interessati professjonali qed isiru dejjem aktar konxji dwar id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom[14]. Huma jaqblu b'mod ġenerali li nkiseb momentum biex l-EETS tiġi implimentata u ħafna mill-elementi essenzjali għall-EETS diġà ġew stabbiliti. Il-manifatturi qegħdin dejjem aktar jikkuntattjaw lis-servizzi tal-Kummissjoni għal informazzjoni addizzjonali jew għal kjarifiki. Inbdew negozjati kuntrattwali bejn fornituri potenzjali tal-EETS u l-kolletturi tal-pedaġġi.

– Biex tinkiseb l-esperjenza fl-interoperabilità teknika kif ukoll f'dik kuntrattwali, uħud mill-kolletturi tal-pedaġġi stabbilixxew impriżi konġunti li lill-klijenti joffrulhom unitajiet installati abbord il-vetturi tagħhom li jistgħu jintużaw fin-netwerks kollha li huma jkunu responsabbli għalihom ("EasyGo+", servizz kuntrattwali ta' interoperabilità li bħalissa jinsab implimentat, u jikkombina t-teknoloġiji DSRC varji użati fid-Danimarka, l-Isvezja, in-Norveġja u l-Awstrija u "TOLL2GO", servizz tekniku ta' interoperabilità li diġà qed jopera, u jiżgura l-interoperabilità DSRC/satellita bejn l-Awstrija u l-Ġermanja). Kolletturi oħra tal-pedaġġi għamlu saħansitra aktar minn hekk: intlaħaq ftehim kemm dwar l-interoperabilità teknika kemm dik kuntrattwali bejn it-TIS-PL u l-VIA-T, li tippermetti lill-fornituri tas-servizzi reġjonali joffru servizzi ta' pedaġġ elettroniku li jkopri setturi ta' pedaġġi fi Spanja u Franza.

Madankollu, **għad hemm għadd ta' problemi:**

– L-implimentazzjoni tal-EETS għadha qed tiġi mfixkla minn nuqqas ta' kooperazzjoni bejn il-gruppi ta' partijiet interessati differenti, li l-biċċa l-kbira minnhom urew impenn minimu biex jissolvew il-problemi ta' interess komuni. L-isforzi tal-Istati Membri s'issa ġew illimitati għal-livell tal-interoperabilità nazzjonali separata, li issa hija operazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi b'sistemi elettroniċi ta' pedaġġ. Bidla radikali hija meħtieġa fir-rigward tal-interoperabilità pan-Ewropea għal prestazzjoni f'waqtha tal-EETS b'kundizzjonijiet ta' aċċess li jkunu ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji.

– Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għad iridu jikkompletaw il-qafas nazzjonali sabiex fornituri potenzjali tal-EETS ikunu jafu fil-prattika kif għandhom jirreġistraw u fejn jistgħu jilmentaw f'każ ta' mġiba li xxekkel min-naħa tal-kolletturi tal-pedaġġi. S'issa, żewġ Stati Membri biss li għandhom sistemi ta' pedaġġ elettroniku stradali stabbilixxew Korp ta' Konċiljazzjoni fejn jistgħu jiġu indirizzati lmenti ta' dan it-tip[15]. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin fl-Istati Membri l-oħra kollha bl-għan li l-qafas ġuridiku u regolatorju korrispondenti jiġi ffinalizzat qabel Ottubru 2012.

---

[14] Il-partijiet interessati professjonali ġew ikkonsultati fl-2011 permezz ta' stħarriġ fil-forma ta' kwestjonarju u konferenza.

[15] L-għan ewlieni tal-Korp ta' Konċiljazzjoni huwa li jivverifika, fuq talba, li l-Fornituri kollha tal-EETS jingħataw kundizzjonijiet kuntrattwali ġusti u nondiskriminatorji fi kwalunkwe settur ta' pedaġġi tal-EETS fit-territorji tal-Istati Membri, i.e. li l-kundizzjonijiet kuntrattwali li jesiġu l-kolletturi tal-pedaġġi minn Fornituri differenti tal-EETS ikunu riflessjoni nondiskriminatorja u ġusta tal-kostijiet u r-riskji tal-partijiet għall-kuntratt.

– Uħud mill-kolletturi tal-pedaġġi qed jipproponu klawżola kuntrattwali li awtomatikament ittemm il-kuntratt jekk il-fornitur tal-EETS ma jkunx laħaq kopertura Ewropea sħiħa fi żmien 24 xahar[16]. Klawżola bħal din toħloq riskju konsiderevoli għall-operat u tiskoraġġixxi fornituri potenzjali tal-EETS. Din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur, l-intenzjoni tiegħu kienet li jevita li fornitur tal-EETS jikkonċentra biss fuq is-swieq li l-aktar iħallu qligħ u idewwem wisq il-kopertura tiegħu tal-oħrajn. It-telf tal-istatus ta' fornitur tal-EETS jiddependi mill-awtoritajiet pubbliċi u għandu jiġi deċiż biss jekk ma jkun hemm l-ebda intenzjoni ġenwina min-naħa tal-organizzazzjoni kkonċernata biex tilħaq kopertura Ewropea sħiħa.

– Il-kostijiet aggregati għall-valutazzjoni tal-interoperabilità u t-twettiq ta' testijiet li jiddeterminaw "l-adegwatezza għall-użu" li ċerti kolletturi tal-pedaġġi jesiġu mingħand fornitur tal-EETS jistgħu jikkostitwixxu ostaklu biex wieħed jibda jopera. Iżda kif diġà ġie spjegat qabel, partijiet interessati professjonali għandhom jużaw l-għażliet offruti fil-leġiżlazzjoni tal-Eurovignette biex jimmitigaw ir-riskji finanzjarji possibbli tal-kolletturi tal-pedaġġi u tal-fornituri tal-EETS.

– Jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu emendati għadd ta' kuntratti ta' konċessjoni attivi. Pereżempju, il-kolletturi tal-pedaġġi jistgħu jkunu meħtieġa jaġġustaw ir-rati tal-pedaġġi biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw l-investimenti meħtieġa li jridu jagħmlu biex jadattaw l-infrastruttura tagħhom. Fil-każ tal-pedaġġi stradali, il-kuntratti ta' konċessjoni għall-impożizzjoni tal-pedaġġi huma bejn il-kollettur tal-pedaġġ u l-Istat Membru jew aġenzija li taħdem taħt il-kontroll dirett tal-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, ir-responsabbiltà biex l-implimentazzjoni tal-EETS issir possibbli fit-territorju tagħhom hija primarjament tal-Istat Membru kkonċernat li jista' jemenda l-kuntratti konċessjoni eżistenti jekk dan ikun meħtieġ.

4. IL-PASSI LI JMISS

Sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni f'waqtha tal-EETS mill-Istati Membri u l-industrija u titħeġġeġ il-kooperazzjoni meħtieġa kif mitluba mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, huma meħtieġa l-azzjonijiet li ġejjin:

(1) Tiġi aċċellerata implimentazzjoni uniformi tad-deċiżjoni

– Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jintensifikaw il-ħidmiet tal-Kumitat tal-Pedaġġi stabbilit bid-Direttiva 2004/52/KE. L-Istati Membri għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom, filwaqt li jqisuhom bħala kwistjoni urġenti, previsti bid-Deċiżjoni 2009/750/KE fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ħatra tal-Korp ta' Konċiljazzjoni nazzjonali tagħhom (l-Artikolu 10). Il-Kummissjoni se tniedi proċeduri ta' ksur fejn xieraq.

– Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-EETS mill-Istati Membri anke fid-dawl tan-Nota ta' Gwida tagħha dwar l-interpretazzjoni tal-kunċetti msemmija fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/750/KE. L-Istati Membri u l-korpi ta' konċiljazzjoni għandhom jużaw in-nota fil-kuntatti tagħhom mal-kolletturi tal-pedaġġi u fornituri potenzjali tal-EETS. Dawn tal-aħħar għandhom jużawha wkoll

[16] L-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2009/750/KE dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-fornituri tal-EETS għandu jkopri s-setturi kollha tal-EETS fil-Komunità fi żmien 24 xahar minn meta jirreġistraw.

fin-negozjati kuntrattwali tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se toħloq netwerk Ewropew ta' Korpi ta' Konċiljazzjoni nazzjonali li jikkontribwixxu biex fil-livell tal-UE jiżguraw kundizzjonijiet indaqs għall-partijiet interessati professjonali tal-EETS.

– L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkunux permessi klawżoli kuntrattwali li jtemmu awtomatikament il-kuntratt jekk fornitur tal-EETS ma jilħaqx kopertura Ewropea sħiħa fi żmien 24 xahar. Klawżoli bħal dawn imorru kontra l-effett utli maħsub tad-Deċiżjoni 2009/750/KE. Jekk prassi ta' dan it-tip titkompla, il-Kummissjoni se tniedi proċeduri ta' ksur.

– Il-Kummissjoni se tieħu l-inizjattiva billi tuża l-istruttura stabbilita bil-leġiżlazzjoni attwali dwar l-EETS biex tiżviluppa sett uniformi ta' protokolli għal testijiet li jiddeterminaw l-"adegwatezza għall-użu", inkluż dwar l-aspetti tas-sikurezza, sabiex tiġi limitata d-diskrepanza ta' dawn il-protokolli bejn il-kolletturi tal-pedaġġi, u konsegwentement dan jirriżulta fit-tnaqqis tal-kostijiet iċċarġjati lill-fornituri tal-EETS.

– Il-Kummissjoni se tistabbilixxi mal-partijiet interessati pjattaforma komprensiva ta' riżorsi għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, li tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-EETS permezz ta' punt uniku ta' aċċess fuq l-Internet. Din il-pjattaforma se tikkontribwixxi wkoll għall-iskambju tal-aqwa prassi u għat-tixrid ta' informazzjoni aġġornata dwar l-EETS fost il-partijiet interessati professjonali.

(2) Approċċ progressiv

Bħala l-ewwel pass lejn interoperabilità Ewropea sħiħa, l-Istati Membri b'volum sinifikanti ta' traffiku fuq in-netwerk trans-Ewropew għandhom jinkoraġġixxu l-interoperabilità transfruntiera tas-sistemi tagħhom ta' pedaġġ elettroniku stradali. Dan/dawn il-proġett(i) ta' implimentazzjoni bikrija, fuq bażi reġjonali, se jiġu promossi b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu estiżi biex ikopru l-infrastrutturi tat-toroq kollha soġġetti għal pedaġġi fl-UE mill-aktar fis fi stadju ulterjuri u jkunu jistgħu jipprovdu esperjenzi konkreti biex jiġu solvuti kwistjonijiet prattiċi marbuta mal-EETS.

L-involviment ta' grupp wiesa' biżżejjed ta' kolletturi ta' pedaġġi u ta' Stati Membri jrid jingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dawn il-proġetti jkunu jistgħu jiġi estiżi fl-Unjoni kollha. L-għarfien miksub fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti reġjonali li jkunu konformi b'mod sħiħ mal-prinċipju ta' kuntratt uniku/unità unika abbord għandu jiġi kondiviż b'mod effikaċi bejn il-partijiet interessati kollha.

Il-Kummissjoni lesta tipprovdi assistenza teknika lil inizjattivi reġjonali bħal dawn u lesta teżamina l-provvediment ta' appoġġ finanzjarju possibbli lil proġetti reġjonali fuq skala kbira fil-kuntest tal-programm TEN-T. Is-sistemi ta' pedaġġ elettroniku huma komponent integrali tan-netwerk trans-Ewropew (l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew[17] u għalhekk huma eliġibbli għal appoġġ finanzjarju mill-UE. Il-Kummissjoni se tqis li fil-programm ta' ħidma li jmiss tat-TEN-T tinkludi taqsima dwar l-EETS u proġetti

[17] ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1.

reġjonali bħal dawn. Sejħa għall-offerti tista' tiġi ppubblikata sal-aħħar tas-sena. Dan jiddependi mill-istat ta' adozzjoni tal-programm ta' ħidma.

(3) Monitoraġġ mill-qrib tal-iżvilupp u t-teħid ta' inizjattivi ġodda jekk ikunu meħtieġa

Meta l-Istati Membri jibdew proġetti ġodda jew iġeddu konċessjonijiet huma għandhom jikkontrollaw u jiżguraw il-konformita mar-rekwiżiti tal-EETS. Meta tadotta l-opinjoni tagħha dwar arranġamenti ġodda rigward pedaġġi li jiġu nnotifikati fil-qafas tal-Artikolu 7h tad-Direttiva 1999/62/KE (Eurovignette), il-Kummissjoni se tippubblika opinjoni negattiva jekk dawn ma jinkludux sistema kompletament kompatibbli mal-EETS.

Jekk tilwim bejn il-kolletturi tal-pedaġġi u l-fornituri tal-EETS ma jkunux jistgħu jissolvew mill-Korp ta' Konċiljazzjoni, il-Kummissjoni se teżamina l-kawżi tat-tilwim u jekk l-arranġamenti bejn il-kolletturi tal-pedaġġi u l-fornituri lokali/nazzjonali eżistenti tagħhom humiex diskriminatorji meta mqabbla ma' dawk proposti lill-fornituri tal-EETS.

Fl-aħħar nett, wieħed jista' jinnota li l-White Paper dwar it-trasport indikat li jekk, minkejja dawn l-isforzi kollha, il-valutazzjoni tagħha turi li ma ntlaħaq l-ebda progress sostanzjali sa nofs l-2013, u ma jkunx hemm disponibbli servizz ta' pedaġġ elettroniku interoperabbli fuq skala sostanzjali, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tippreżenta inizjattiva ġdida lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kummissjoni terġa' tafferma l-impenn tagħha li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiffaċilita l-istabbiliment ta' interoperabilità teknika u operazzjonali sħiħa tas-sistemi Ewropej ta' pedaġġ elettroniku stradali. Flimkien mal-partijiet interessati, se tirdoppja l-isforzi tagħha biex tikseb id-disponibbiltà ta' servizz ġenwin ta' pedaġġ elettroniku fil-livell Ewropew[18] lill-utenti tat-toroq kollha interessati.

L-industrija Ewropea attwalment hija minn ta' quddiem globalment għal dak li għandu x'jaqsam ma' ċċarġjar stradali u tagħmir tal-pedaġġi. Il-kumpaniji Ewropej kostantament jirbħu kuntratti ta' pedaġġi madwar id-dinja[19]. L-EETS tista' tiffaċilita l-introduzzjoni ta' tnedija fuq skala globali ta' prodotti ġodda bħal unitajiet abbord li jkunu interoperabbli, u li jikkombinaw it-takografija diġitali u l-pedaġġi ma' applikazzjonijiet oħra intelliġenti għas-sistemi tat-trasport. Dan min-naħa l-oħra jista' jagħti lok għal servizzi u applikazzjonijiet kompletament ġodda, għal darb'oħra b'suq potenzjalment globali, li jikkontribwixxi għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija Ewropea.

[18] Il-leġiżlazzjoni dwar l-EETS tiżgura li d-drittijiet fundamentali tal-utenti stradali, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-dejta personali, jiġu rrispettati b'mod sħiħ.

[19] Pereżempju reċentement fl-Awstralja, fil-Belarus, fil-Kanada u f'Iżrael.